# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13

Data tal-laqgħa: 15 t'April, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 15 t'April 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:30p.m. billi ntqalet it-talba.

## 13/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**13/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera u kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

**13/01/02** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera dwar ittra li dan il-Kunsill kien irċieva nhar il-Ħamis 10 t'April 2025 mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, fejn infurmat dwar ir-riżenja tagħha minn mal-Partit Nazzjonalista u ser tkun qed iżomm l-istess kariga pero bħala Kunsilliera Indipendenti.

**13/01/03** Id-DSE spjegat ukoll kif hi kienet infurmat lid-Direttur għad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, is-Sur Emil Vassallo, dwar dan u kkonfermat li s-Sa Attard ser tibqa taġixxi bħala Viċi Sindku.

**13/01/04** Peress li ma kien hemm l-ebda domandi jew kummenti dwar dan, id-DSE kompliet bl-*items* li kien hemm skedata fuq l-aġenda.

## 13/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**13/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 12 li nżammet nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

**13/02/02** Il-Minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mis-Sa Mariah Meli.

**13/02/03** Id-DSE infurmat kif hi kienet ser tagħti aġġornamenti fil-qosra dwar punti li kienu mqajma fil-laqgħa preċedenti.

**13/02/04** Id-DSE għamlet referenza għat-talba li kienet tressqet f'laqgħa numru 10 mis-Sa Marilena Hassan fejn kienet ġibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Ġnien hemm bżonn ta' aktar dawl. Id-DSE qalet kif fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kienet infurmat li kien hemm skedata laqgħa fuq il-post mal-Perit William Agius nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2025, fid-9:30 ta' filgħodu. Id-DSE qalet ukoll kif kien hemm preżenti s-Sindku wkoll u kif hi kienet infurmata li peress li ż-żona hija f'ODZ, hu kellu jivverifika ma' l-uffiċċju. Kien hemm qbil li terġa tintbagħat emejl bħala tfakkira ġentili u jekk ikun hemm xi aġġornament, id-DSE ser tkun qed iżżommhom infurmati.

**13/02/05** Id-DSE għamlet referenza għall-laqgħa li kienet inżammet nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 ma' rappreżentant minn FACES dwar it-talba sabiex issir Bus Shelter fiż-zona ta tax-Xwieki. Hi spjegat kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti hi flimkien mas-Sindku. Wara li taw spjegazzjoni dwar din it-talba, il-persuna li ġiet tat kuntatt ta' *surveyor* li jrid jiġi fuq il-post u jgħamel rapport. Liema rapport irid jiġi sottomess mill-Perit tal-Kunsill lill-Planning Authority. Id-DSE infurmat li kif ikun hemm xi aġġornament ser tkun qed tinforma lill-Kunsilliera dwar dan.

**13/02/06** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera kif nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2025 ġew provduti u installati għoxrin bin provduta minn McDonalds wara li r-Reġjun ta' Lvant kien iltaqà mal-kumpanija wara l-*clean up* li kienet saret f'Settembru 2025 u rriżulta li fiż-żona ta' Top of the World kien qed ikun hemm ħafna żibel tat-*takeaway* minn dan ir-restaurant.

**13/02/07** Is-Sindku żiedet tgħid li meta dawn il-bins ġew inawgurati, hi tkelmet mar-rappreżentant tal-McDonalds sabiex f'din iż-żona jkun hemm CCTV cameras għal sigurta minħabba l-ammont ta' vandaliżmu li qed isir regolari f'din iż-żona u kif huma lesti li jgħamluhom u għal din ir-raġuni d-DSE bagħtet talba uffiċċjali dwar dan permezz ta' emejl.

**13/02/08** Id-DSE għamlet referenza għat-talba sabiex isiru linji ta' markeġġ li qatt ma kienu saru fi Triq Caravaggio u spjegat kif il-Kunsill għamel talba lill-Perit u tagħna kuntatt ta surveyor. Għal din ir-raġuni, id-DSE talbet kwotazzjoni u nfurmana li l-prezz biex isir dan ix-xogħol huwa ta' €3,250.00 + Vat.

**13/02/09** Is-Sindku, is-Sa Gauci, infurmat kif aktar kmieni filgħodu hi ċemplet lil TM biex naraw jekk dan ix-xogħol jistax isir minn naħa tagħhom u ser tkun qed tinforma lill-kunsill bit-tweġiba li tingħata.

**13/02/10** Id-DSE tat aġġornament fuq it-talba tal-Kunsill sabiex il-Bus Stop ta' ħdejn il-knisja timxi għal bidu tat-Triq San Bartilmew. Hi spjegat kif din it-talba li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti kienet ġiet immresqa lil Transport Malta. Ġejna mitluba biex nipprova ritratti tal-post u tas-sit fejn qed jissurggerixxi l-Kunsill. Għadna qed nistennew risposta lura.

**13/02/11** Id-DSE għamlet referenza għal SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026, infurmat kif l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti meħtieġa kienu ġew sottomessa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025.

**13/02/12** Id-DSE għamlet referenza għal SPI/SCI/08/2025 - Espressjoni ta' Interess – TagħnaTfal Skema Ulied il-Kunsilliera - Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta' Kura tat-Tfal (Childminding). –

infurmat kif din l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti meħtieġa kienu ġew sottomessa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025.

**13/02/13** Id-DSE għamlet referenza għal Cir AKL 2025/024_Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità, u spjegat li, kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, hi nfurmat kif bħala Kunsill interessati li jiġi offrut dan is-servizz lir-residenti tal-Għargħur.

**13/02/14** Id-DSE infurmat lill-Kunsill dwar aġġornament fuq il-kuntratt tad-dawl fit-Toroq, fejn il-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, fejn spjega li hu kien iltaqà mal-Enemalta biex jiddiskuti l-2023 Standard Operating Procedure (SOP). Hi spjegat kif is-Sur Fava qal li l-implimentazzjoni bħalissa hija affettwata minn tilwima bejn l-Enemalta u kuntratturi privati, issa quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB). Madankollu, għadhom għaddejjin diskussjonijiet biex dan jiġi solvut, bi ftehim propost li jiġu assenjati xogħlijiet ta' installazzjoni mill-ġdid direttament lill-kuntratturi. Jekk din tirnexxa, dan jippermetti li l-SOP jipproċedi u t-tiswijiet essenzjali tad-dwal tat-toroq jerġgħu jibdew. Importanti, l-attrezzaturi LED kollha sostitwiti se jkunu taħt garanzija (it-tul irid jiġi kkonfermat), u jnaqqas l-ispejjeż fit-tul għall-kunsilli lokali. Se nkomplu nissorveljaw l-iżviluppi u norganizzaw laqgħa ta' segwitu sa nofs Mejju. Hi qal ukoll kif kull kunsill lokali jrid jadotta l-SOP, għalkemm huwa ta' benefiċċju finanzjarjament.

**13/02/15** Id-DSE infurmat li ma kelliex aktar aġġornamenti x'tagħti u staqsiet jekk il-Kunsilliera preżenti xtaqux iressqu xi domandi dwar aġġornamenti mill-minuti ppreżentati.

**13/02/16** Is-Sa Mariah Meli staqsiet dwar il-laqgħa li kellha tinżamm ma' rappreżentanti minn Transport Malta dwar l-uffiċċjali tagħhom peress li hi ma kinitx tistà tattendi.

**13/02/17** Id-DSE ikkonfermat kif din il-laqgħa kienet inżammet fejn il-persuna li tkelmet magħna pprovda kuntatt personali tiegħu biex jekk ikun hemm każ fejn il-Kunsill ma jkunx jistà jipprovdi uffiċċjali jew ikun hemm każ ta' emerġenza, ikun jistà jsir kuntatt miegħu.

**13/02/18** Is-Sindku żiedet tgħid li hu spjega li hemm nuqqas ta' uffiċċjali u jiddependi l-każ xi jkun u kif fejn ma jkunx hemm bżonn ta' direzzjoni ta' traffiku, il-Kunsill jistà jgħalaq billi jpoġġi l-*barriers.*

**13/02/19** Is-Sa Meli staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp fuq Triq Caravaggio minħabba li ma kienx hemm sinjali.

**13/02/20** Id-DSE ikkonfermat li kienet talbet direzzjoni fuq hekk lil TM u kif ġiet mitluba tipprovdi it-talba ta' meta kienet ġiet imressqa z-zebra crossing li tinsab f'din it-Triq u kif għadha trid tfittex din l-informazzjoni sabiex tkun tistà tressaqa.

**13/02/21** Is-Sa Gauci infurmat li dik kienet ilha snin li saret u sabiex ninfurmawhom dwar dan.

**13/02/22** Is-Sa Meli staqsiet jekk kienx hemm aġġornamenti fuq it-talbiet imressqa sabiex isiru *sleeping policeman* u dwar l-*isleeping policeman* li qedha ftit 'l fuq mill-Kunsill li qedha mkissra.

**13/02/23** IS-Sa Gauci infurmat kif il-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta peress li fl-aħħar komunikazzjoni kienu nfurmaw lill-Kunsill li TM kienet qed temenda r-regoli relatati mas-*sleeping policeman.* Hi qalet ukoll kif l-oħra kienet ordnata sabiex issir.

**13/02/24** Is-Sa Meli staqsiet dwar it-talba li kienet ġiet imressqa sabiex il-Kunsill ikollu student/i mill-MCAST.

**13/02/25** Id-DSE qalet li kienet bagħtet komunikonazzjoni pero baqgħet mingħajr tweġiba.

**13/02/26** Is-Sa Meli għamlet referenza fuq l-*EU Portal*, fejn spjegat kif hi kienet qed tistenna sabiex tikkoordina biex iġġibha konformi peress li kien hemm xi dokumenti nieqsa u kif il-*youth exchange application* kienet sottomessa u l-Kunsill qed jistenna r-riżultat.

**13/02/27** Is-Sa Meli staqsiet dwar jekk kienx hemm aġġornament sabiex il-Kunsill ikollu aċċess għal *backend* tal-website.

**13/02/28** Id-DSE infurmat kif hi tkellmet mas-Sa Camilleri mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali kemm dwar din kif ukoll sabiex l-uplowdjar tad-dokumenti jibdew isiru mill-Kunsill u kif hi kienet ġiet infurmata li kien hemm xi tibdil li qed isir u għalissa dawn id-dokumenti jibqgħu jintbghatu lilha sabiex ikunu *uploaded* fuq is-sit.

**13/02/29** Is-Sa Meli staqsiet ukoll jekk kienx hemm aġġornament dwar x'sistema ta' *backup* tad-dokumenti li jinsabu f'uffiċċju pubbliku.

**13/02/30** Id-DSE infurmat kif idealment l-ewwel għandu jkun hemm aċċess għal *one drive* pero għadha lura.

**13/02/31** Is-Sa Marilena Hassan issuġġeriet li l-Kunsill jingaġġa f'servizz ta' IT Technician sabiex tiġi implimentata soluzzjoni aħjar.

**13/02/32** Kien hemm qbil b'mod unanimu dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**13/02/33** Peress li ma kien hemm l-ebda domanda jew kumment ieħor dwar il-minuti ppreżentati, il-Kunsilliera pproċedu għall-*item* li kien imiss fuq l-aġenda.

## 13/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**13/03/01** Is-Sindku, is-Sa Helen Gauci, għamlet referenza għal messaġ li hi kienet bagħtet il-Ħadd filgħodu fejn infurmat lill-Kunsilliera kif kien sar att ta' vandaliżmu fil-pjazza u kif hi għamlet rapport mill-ewwel lill-Pulizija. Hi qalet kif kienu ġew il-pulizija u ħadu n-numru tad-djar minn fejn jistgħu jġibu filmati mill-kameras tar-residenti fil-viċinanza. Hi qalet ukoll li l-Pulizija ser iżommuha aġġornata jekk ikun hemm xi żvilupp dwar dan.

**13/03/02** Peress li s-Sindku ma kelliex punti oħra xi tressaq, id-DSE tablet sabiex il-laqgħa timxi fuq item numru XX fuq l-aġenda peress li kienu għadhom kif wasly l-Accountants għal din il-laqgħa sabiex jippreżentaw ir-rapporti finanzjarji tas-sena 2024.

**13/03/03** Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti u għal din ir-raġuni d-DSE stiedent lis-Sa Carla XX u lis-Sa Maria xx għal din il-laqgħa.

## 13.5 Rapporti

**13.5.1** Id-DSE infurmat kif kopja ta' dawn ir-rapporti kienu ġew mgħoddija lill-kunsilliera l-ġurnata ta' qabel din il-laqgħa, eżatt kif kienu waslu mingħand l-accountants u kopja oħra kienet fuq il-mejda sabiex kulħadd ikun jistà jsewgi aħjar.

**13.5.2** Is-Sa Maria spjegat kif, kif kulħadd kien infurmat diġa, is-sena li għaddiet kien hemm biss l-ewwel kwart tas-sena li kien ippreparat u approvat mill-leġislatura preċedenti, u kif bħala accountants kellhom jippreparaw it-tliet rapport finanzjarji tas-sena 2024 peress li dawn ma kienux saru mill-accountant preċedenti.

**13.5.3** Hi spjegat ukoll kif il-*bookkeeping* kien sar mill-accountant preċedenti pero huma għamlu l-*adjustments* ta' l-aħħar sabiex dawn ir-rapporti jkunu jistgħu jiġu mgħaluqa. Għal din ir-raġuni staqsiet jekk jistax jiġi diskuss ir-rabà kwart tas-sena fejn tistà tingħata stampa aħjar ta' kif kienet għeluq is-sena finanzjarja.

**13.5.4** Id-DSE ikkonfermat li jkun aħjar b'mod speċjali sabiex il-Kunsilliera, speċjalment dawk li għadhom fil-bidu tal-leġislatura tagħhom ikollhom opportunità sabiex jifhmu l-finanzi tal-Kunsill.

**13.5.5** Is-Sa Maria spjegat kif ir-rapport tar-rabà kwart kien qed jiġbor il-figuri ta' sena sħiħa. Hi qalet ukoll kif il-Kunsill kien qiegħed b'telf ta' €35,000 u meta dan jiġi mqabbel mal-figuri tas-sena 2023, kien ta' €21,000, u dan juri li d-dejn kompla jiżdied. Dan qed jinkludi l-allokazzjoni li tingħata mill-Gvern Lokali. Hi spjegat ukoll kif fir-rapport hemm kollox spjegat ta' l-ispejjeż li kienu saru.

**13.5.6** Is-Sa Meli staqsiet jekk l-accountants kienux jafu bil-kuntatt u l-ispejjeż marbuta mal-proġett ta' Għaxqet l-Għajn kienx inkluż f'dan ir-rapport.

**13.5.7** Is-Sa Maria ikkonfermat li dawn mhux inkluża ma' l-ispejjeż dovuta.

**13.5.8** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-Kunsill għadu qed jara minn fejn ser jiġu l-kumplament tal-fondi b'mod speċjali peress li dan il-kuntratt u ammnont qatt ma kien ġie mressaq waqt laqgħa tal-Kunsill. Hi qalet kif il-proġett għadu mhux approvat u b'hekk għad m'hemmx kuntratt finali.

**13.5.9** Is-Sa Maria kompliet tispjega kif il-*cash flow* kien imqabbel ma' l-ammonti tal-bank biex ikun hemm konferma li kien hemm l-istess ammonti. Żiedet tgħid ukoll kif bħala assi kienu daruhom, b'mod speċjali mit-2018 sal-ġurnata preżenti.

**13.5.10** Is-Sa Meli staqsiet għalfejn il-persentaġġ tad-*depreciation* kien immarkat b'0%.

**13.5.11** Is-Sa Maria spjegat li kull *asset* għandu persentaġġ ta' depreciation u dan kien żball li jrid jitranġa.

**13.5.12** Is-Sa Meli ssuġġeriet li titkompla tingħata l-ispjegazzjoni pero ma kienx ser ikun hemm approvazzjoni peress li ma kienx hemm biżżejjed ħin sabiex il-Kunsilliera setgħu jaraw ir-rapporti provduta.

**13.5.13** Is-Sa Maria kompliet tispjega kif id-depreciation tiġi maħduma u kif l-ammonti li hemm ser ikunu *fully depreciated* fis-sena 2028, u kien hemm minnhom għal perjodu ta' 4 snin. Hi qalet ukoll li raw x'assi kien hemm matul din is-sena u ġie kkalkulat d-deppreciation.

**13.5.14** Is-Sa Carla irrimarkat fuq pagament relatat max-xiri tas-SAGE li kien imdaħħal bħala spiża fl-2024 pero peress li qatt ma kien inxtara dan baqa jiġi immarkat u kif dan tranġa sabiex jirrifletti li x-xiri ta' dan sar fis-sena 2025.

**13.5.15** Id-DSE spjegat kif il-Kunsill kellu jixtri liċenzja ta' l-aħħar verżjoni peress li dik li kellu l-Kunsill kienet antika ħafna u ma kinitx qed taqbel ma' ta' l-accountants sabiex ikunu jistgħu jipproċedu.

**13.5.16** Is-Sa Carla spjegat ukoll kif taħdem id-depreciation fuq il-karozza tal-Kunsill fejn il-valur tagħha jaqa wara erbgħa snin u kif issa qedha 0.

**13.5.17** Is-Sa Mariah Meli għamlet referenza għall-kumment mill-awditur li rat komuni kemm fir-rapport ta' 2022 u anke fir-rapport ta' 2023, fejn qabel linputting kien jidħol bħala *other expenditure* jew *other income* imma ma kienx isir list chart ta' l-expenditures u kif l-awditjar kien irrakomanda li dawn għandhom jiġu mniżżla. Għal din ir-raġuni hi talbet sabiex din tiġi indirizzata ġaladarba l-Kunsill għandu accountants ġodda.

**13.5.18** Is-Sa Maria u s-Sa Carla spjegaw kif kellhom jiġu tranġata u miġbura l-ammonti jekk l-ipejjeż kienu qed isiru għall-istess affarijiet biex hekk tkun aktar faċli li tinstab l-informazzjoni meta jkun hemm bżonn xi ħaġa aktar speċifika.

**13.5.19** Is-Sa Meli reġgħet ikkonfermat dwar ic-*Chart of Accounts* biex taċċerta ruħha li din id-darba din il-problema mhux ser terġa tinstab mingħand l-awdituri.

**13.5.20** Is-Sa Carla spjegat kif dan kien kollox spjegat fuq paġna 8 u kif jekk il-Kunsill ikun irid jara n-nominal code liema kontijiet qed jieħu, huma jkunu jistgħu jipprovdu kopja tat-*Trial Balance*.

**13.5.21** Kien hemm qbil sabiex kopja ta' din it-Trial Balance tintbagħat lid-DSE sabiex tkun tistà taqsam dan ir-rapport mal-Kunsilliera.

**13.5.22** Is-Sa Maria infurmat lihi kienet qed timxi mat-template li kienet provduta u staqsiet jekk kienx hemm xi *template* aġġornata.

**13.5.23** Id-DSE spjegat li kellu jkun hemm tibdil imma kif kienu qamu xi punti minn Segretarji Eżekuttivi u għalissa din qedha wieqfa.

**13.5.24** Is-Sa Meli irringrazzjat lill-accountants tax-xogħol li sar sabiex dan setgħa jiġi mressaq waqt din il-laqgħa pero peress li dawn kienu waslu tard filgħaxija, lejliet din il-laqgħa, hi talbet sabiex dawn id-dokumenti jerġgħu jiġu mressqa f'laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsilliera jkollhom biżżejjed ċans jaraw x'hemm fir-rapporti ppreżentati.

**13.5.25** Kien hemm qbil sabiex jekk il-Kunsilliera jkunu jixtiequ li jressqu xi domandi, jistgħu jgħamlu dan billi jgħadduhom lid-DSE biex umbad Carla jew Maria jkunu jistgħu jwieġbu lura, kif ukoll sabiex kif ikun lest l-aħħar rapport, tiġi msejħa laqgħa b'urġenza sabiex dan ikun jistà jiġi diskuss u approvat mill-Kunsill.

**13.5.26** Carla staqsiet jekk il-Kunsill kellux il-ħsieb li jagħmel kopja tal-pagamenti b'mod diġitali biex ikun aktar faċli biex isir il-bookkeeping minn naħa tagħhom. Inżammet diskussjoni qasira dwar kif l-affarijiet jistgħu jitranġaw sabiex ikun hemm ċert li kull invoice hija nkluża.

13.5.27 Carla ikkonfermat kif għalissa l-laptop qed jinżamm għandha sabiex ix-xogħol jitlesta immedjatament.

13.5.28 Id-DSE irringrazzat lill-accountants talli kienu preżenti u talbet lill-Kunsilliera sabiex ikompli bil-kumplament ta' l-*items* li kien hemm fuq l-aġenda.

## 13.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**13/04/01** Is-Sa Francesca Attard staqsiet jekk kienx hemm aġġornament fuq l-*ammendment* li l-Kunsill kien talab fil-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' Don Bosca .

**13/04/02** Id-DSE infurmat li kienet għamlet kuntatt kemm ma' l-avukat kif ukoll ma' l-Awtorità ta' l-Artijiet. Ser tkun qed tiċċekja fiex waslet il-komunikazzjoni u taġġorna lill-Kunsill.

**13/04/03** Is-Sa Francesca Attard staqsiet jekk il-Kunsill għandux *Fixed Asset Register.*

**13/04/04** Id-DSE qalet li ser tkun qed tiċċekkja u tinforma lill-Kunsillera.

**13/04/05** B'refernza għal Pjazza Familja, is-Sa Mariah Meli infurmat li kienet ġabet *risk assessment* pero kienet qed tistenna kwotazzjoni għal ammont ta' attivitajiet biex il-prezz ikun aħjar.

**13/05/06** Is-Sa Gauci infurmat li hi kienet għamlet talba sabiex ikun hemm l-istess għall-insurance u talbet lid-DSE sabiex taqsam l-kwotazzjonijiet miġbura.

**13/05/07** Is-Sa Mariah kienet ser tagħmel referenza fuq il-proġett marbut ma' Triq Għaxqet l-Għajn pero id-DSE infurmata li din kien hemm *item* fuqha fl-aġenda u talbitha sabiex din tiġi diskussa taħt l-*item* stipulat.

**13/05/08** Is-sa Meli għamlet referenza għal ritratt li kien wasal għandha dwar żebgħa li kienu saru ta' linji doppji sofor ġo kaxxa safra fi Triq Caravaggio u talbet sabiex dawn jiġu tranġati u evitati milli jsiru.

**13/05/09** Is-Sa Meli għamlet referenza għal-lista ta' *tenders* li dan il-Kunsill Lokali kellu fejn is-servizz ta' accountant kien magħluq u kienet inħarġet sejħa u *settled*, madanakollu hemm tenders bħal Provision for and maintenance of signs and road markings kien ħareġ fl-2020 u għalaq 2024, imma l-Knunsill għadu joħrog *direct order,* il-kiri tal-vettura tal-kunsill kien għalaq fl2024, u il-Kunsill qed joħroġ *direct order,* u l-istess għal kuntratt tal-knis fejn dan kien għalaq f'lulju li għaddha u għadu b'direct order. Għal din ir-raġuni s-Sa Meli talbet għalfejn il-Kunsill ma reġax ħareġ sejħiet t'offerti għal dawn il-kuntratti skaduti.

**13/05/10** Is-Sindku, is-Sa Gauci, spjegat kif il-kuntratt tal-knis kienet inżammet laqgħa anke mal-Cleansing Services Department fis-sena 2024 u kif wara kienet inżammet laqgħa mal-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, fejn hu qed jinsisti, u kif hi personalment taqbel miegħu, li jekk jistà jkun dan is-servizz jibqà f'idejn ir-responsabilità tal-Kunsill. Hi qalet ukoll kif hemm problema bl-allokazzjoni finanzjarja peress li l-ammont dovut għal dan is-servizz huwa inqas minn kemm irid jitħallas.

**13/05/11** Is-Sa Meli staqsiet kif il-Kunsill qed jibqa jaħdem b'kuntratt li huwa skadut u li issa l-pagamenti relatati ma' dawn is-servizzi qed jinħarġu b'*direct orders.* Hi qalet ukoll kif meta wieħed iħares lejn il-baġit tas-sena, hemm €41,000 li huma allokati pero kull xahar dan qed jitla spiża ta' madwar €5,000 u b'hekk l-ammont allokat żgur mhux ser iservi biex dan il-kuntrattur jitħallas tax-xogħol li jkun għamel.

**13/05/12** Għal din ir-raġuni, is-Sa Meli issuġġeriet li kien wasal iż-żmien li bħalma nħareġ it-tender għall-accountant, l-istess irid jiġri għal kumplament tal-kuntratti li huma skaduti.

**13/05/14** Is-Sa Gauci staqsiet lis-Sa Meli jekk hi kinitx taqbel li l-Kunsill għandux iressaq talba lill-Gvern sabiex tiżdied l-allokazzjoni.

**13/05/15** Is-Sa Meli spjegat kif il-Kunsill irid joħroġ sejħa għal dawn il-kuntratti skaduti u bbażati fuq l-allokazzjoni li għandu l-Kunsill.

**13/05/16** Id-DSE spjegat kif idealment is-sejħa tinħareġ u jekk l-ammonti provduta jkunu aktar mill-ammont li l-Kunsill Lokali għandu allokat, il-Kunsill ikun jistà jressaq il-każ tiegħu quddiem id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**13/05/17** Is-Sa Gauci staqsiet jekk kinitx qed tissuġġerixxi li twaqqaf is-servizz tan-nies.

**13/05/18** Is-Sa Meli qalet li fl-ebda ħin ma semmiet li s-servizz għandu jitwaqqaf imma qed tagħmilha ċara lill-Kunsilliera preżenti li dan il-Kunsill mhux qiegħed konformi mal-liġi u għalhekk qed tipproponi li jinħarġu sejħiet ġodda.

**13/05/19** Kien qbil unanimu bejn il-kunsilliera preżenti sabiex jinbeda l-proċess għal sejħiet ta' offerti fuq dawk il-kuntratti li huma skaduti u jekk il-prezz ikun iktar mill-allokazzjoni tal-Kunsill, dan l-argument għandu jitressaq mad-Diviżjoni għal Gvern Lokali.

**13/05/20** Is-Sa Meli għamlet referenza wkoll fuq is-servizz tal-vann u pproponiet sabiex jinġabru kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm servizz ta' kera ta' van skond kif ikun meħtieġ u mhux biex jibqa kuljum għand il-Kunsill.

**13/05/21** Is-Sa Gauci spjegat li fil-preżent is-servizz ta' l-anzjani jingħata nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa mis-7:30 ta' filgħodu sa nofsinhar. Il-ġranet l-oħra jintużaw mill-ħaddiema skond il-ħtieġa li jkun hemm bżonn.

**13/05/22** Is-Sa Meli issuġġeriet li jintalbu kwotazzjoni fejn il-vann ikun hemm bżonn li jinkera nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa biss mis-7:30 ta' filgħodu sa l-4 ta' wara nofsinhar u jkun hemm pjan minn qabel tax-xogħolijiet li jkunu meħtieġa li jsiru bih biex wara nofstanhar ikun jistà jintuża mill-haddiema. Hekk tkun qed tonqos il-kirja ta' jumejn bla bżonn kif ukoll id-differenza tal-ħinijiet.

**13/05/23** Is-Sa Gauci qalet ukoll kif bħala Sindku kien qed ikollha ċirkustanzi fejn hi jkollha tattendi diversi laqgħat u l-affarijiet l-oħra relatati mal-Kunsill, kien hemm qbil sabiex flok tuża l-bolt, hi kienet qed tiġi mwasla minn xi ħadd mill-ħaddiema u staqsiet jekk kienx hemm oġġezzjoni li tuża s-servizz tat-taxi.

**13/05/24** Is-Sa Meli ma sabet l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

13/05/25 Is-Sur Christopher Fenech staqsa x'ser tkun il-prassi ġaladarba il-van ikollu bżonn jiġi użat gil-ġranet l-oħra.

**13/05/25** Is-Sa Meli issuġġeriet li meta tintalab il-kwotazzjoni, il-kumpanija trid tipprovdi rata ta' kemm jiġi jiswa lill-Kunsill f'każ ta' użu fuq dawn il-ġranet fejn jinqala l-bżonn.

**13/05/26** Id-DSE staqsiet jekk ix-xufier hux ser ikun provdut mill-kumpanija minn fejn ikun qed jinkera l-van jew jekk dan iridx ikun individu ieħor b'kuntratt ieħor.

**13/05/27** Is-Sa Meli qalet kif ix-xufier irid imur jiġbru mill-kumpanija minn fejn dan ikun qed jinkera u fl-aħħar tal-ġurnata għandu jirritornah lura.

**13/05/28** Is-Sur Fenech staqsa jekk x-xogħol ta' xufier jistax isir mill-ħaddiema ta' barra tal-Kunsill

**13/05/29** Is-Sa Gauci spjegat li biex issuq dak it-tip ta' van bin -nies miegħek, ix-xufier irid ikollu liċenzja apposta u l-ħaddiema ħadd minnhom m'għandu din il-liċenzja.

**13/05/30** Kien hemm qbil sabiex jiġu miġbura l-kwotazzjonijiet neċesarji għal perjodu ta' sena għal 25 siegħa fil-ġimgħa.

**13/05/31** Is-Sa Mariah Meli xtaqet tressaq l-aħħar *item* fejn hi spjegat kif residenti ġibdulha l-attenzjoni dwar il-boroż taż-żibel is-suwed li qed ikun maħruġ kmieni kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa f'nofsinhar. Dan qed ikun wisq kmieni sakemm tibda l-ġabra filgħaxija u mhux qed ikun ta' eżempju lir-residenti.

**13/05/32** Is-Sa Gauci spjegat kif kienet ilha tgħid lill-ħaddiema sabiex dawn il-boroż ma jinħarġux qabel l-4 ta' wara nofsinhar.

**13/05/33** Is-Sur Christopher Fenech staqsa jekk il-ħaddiema tal-Kunsill kienux intbagħatu l-Ferħa.

**13/05/34** Is-Sa Gauci ikkonfermat li l-ħaddiema kienu ntbagħtu u kif irid isir bil-konkos. Hi qalet kif l-għada ta' din il-laqgħa hi kienet ser tkun l-Kunsill u tmur magħhom hi biex tfehemhom x'hemm bżonn li jsir.

**13/05/35** Is-Sa Meli reġgħet għamlet referenza għar-rapporti li kienu ġew ippreżentati fil-bidu ta' din il-laqgħa u staqsiet dwar l-ammonti li kienu mniżżla taħt il-proġetti ta' l-UE u x'kienu eżatt.

**13/05/36** Is-Sa Gauci qalet li ser tkun qed tiċċekja ma' l-accountants u tinforma lura.

**13/05/37** Id-DSE qalet ukoll kif din l-informazzjoni jaf tkun inkluża fit-Trial Balance li ser tkun qed tipprovdi.

**13/05/38** Is-Sa Mariah Meli ressqet punt ieħor dwar il-Contract Manager tal-Kunsill fejn hi spjegat kif f'laqgħat preċedenti qatt ma kien hemm qbil dwar dan is-servizz. Madanakollu, hi ġibdet l-attenzjoni kif fir-rapport imressaq mill-accountants f'din il-laqgħa jidher li kien hemm ħlas li kien sar marbut ma' dan is-servizz għalkemm is-Sindku kienet infurmat f'laqgħat preċedenti li dan is-servizz kien ġie imwaqqaf.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**13/05/39** Hi spjegat ukoll kif l-ammonti kienu qed ikunu miżjuda f'kull rapport u mhux ta' kont wieħed li jaf kien fl-ewwel kwart tas-sena biss u s-servizz kien għola b'€600. Għal din ir-raġuni hi ma setatx tifhem kif dan il-kuntratt kien imwaqqaf peress li dak iż-żmien is-Sa Gauci kienet qalet li ma kienx qed jgħamel xogħolu mentri fir-rapporti kien qed jidher li l-Kunsill kien għadu qed iħallas ta' dan is-servizz. Għal din ir-raġuni wkoll, is-Sa Meli reġgħet qalet kif kopja tal-kuntratt ta' dan is-servizz qatt ma kien imressaq fil-laqgħat tal-Kunsill avolja kienet talbitu diversi drabi. Għal darb'oħra reġgħet talbet sabiex tiġi mressqa kopja tal-kuntratt li kien sar mal-*Contracts Manager*.

**13/05/40** Id-DSE qalet li ser tkun qed tivverifika dwar dan u tinforma lill-Kunsilliera jekk ikollha l-informazzjoni provduta.

## 13/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

- ***Rapporti***

**13/05/01** Id-DSE infurmat lil rapporti għal din il-laqgħa diġa kienu ġew imressqa u diskussa r-rapporti finanzjarji għas-sena 2024 pero kien hemm qbil sabiex dawn għalissa ma jiġux approvati peress li kien hemm xi ammonti li riedu jiġu korretti u l-Kunsilliera ma kellhomx biżżejjed ċans biex jaraw ir-rapport.

- ***Ilmenti***

**13/05/02** Id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien irċieva l-istess ilment mingħand żewġ persuni differenti dwar il-problema li kien qed ikun hemm bil-karozzi fuq Top of the World. Hi spjegat li kif il-bollards li kien hemm f'din iż-żona kienu qalawhom in-nies u l-karozzi qed jibqgħu deħlin sa ġewwa, fejn mhux permess.

**13/05/03** Is-Sa Meli issuġġeriet sabiex il-proposta imressqa sabiex jiġi nstallati l-kameras isiru immedjatament minħabba dan il-vandaliżżmu li qed ikun hawn.

**13/05/04** Is-Sa Francesca Attard semmiet il-kamera tal-LESA li kellha tiġi maqlugħa meta kienu ser isiru xi xogħolijiet fuq il-*Victoria Lines* u baqgħet ma twaħlitx lura. Għal din ir-raġuni, hi talbet lid-DSE sabiex tara x'kien ġara u eventwalment dawn jerġgħu jiġu installati.

- ***Ordnijiet ta' Xogħol***

**13/05/05** Id-DSE infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva talba nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025 mill-FSWS – Komunità mal-Mosta, fejn jixtiequ jesploraw il-possibilità li ssir *mural* ġol-Għargħur u permezz t'hekk jinvolvu żgħażagħ u diversi ġenerazzjonijiet sabiex jgħamlu proġett flimkien. Hi spjegat kif għal din ir-raġuni, hi kienet talbet sabiex tinżamm laqgħa u naraw eżatt x'hemm bżonn li jsir u kif għadha qed tistenna risposta lura.

**13/05/06** Id-DSE infurmat kif mid-dħul tad-donazzjonijiet li kienu nġabru fl-attività li kien organizza l-Kunsill b'risq Puttinu Cares kienet is-somma ta' €400.00.

**13/05/07** Id-DSE infurmat kif nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 dan il-Kunsill kien irċieva emejl mingħand l-HR tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar l-impjieg ta' Anna Borg li tinsab imniżżla mas-salarji tad-Diviżjoni pero sservi f'dan il-Kunsill. Hi spjegat kif il-Kunsill ġie mitlub sabiex hi tibda tidher mas-salarji tal-Kunsill pero s-salarju tagħha ser jibqa jiġi rimbursed lura mid-Diviżjoni.

**13/05/08** Id-DSE żiedet tgħid li hi tat l-approvazzjoni dwar dan bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm xi tibdil li l-ħlas irid isir mill-Kunsill Lokali, il-Kunsill irid ikun infurmat u jikkunsidra jekk għandhux jaċċetta dan il-ħlas.

**13/05/09** Id-DSE infurmat kif nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025 hi kienet infurmat lill-Kunsill dwar komunikazzzjoni mingħand Irene Cristaudo minn GMD qed tippreżenta l-proġett Erasmus+ 360° Women Entrepreneurial Empowerment (360 WEE), kors ta' taħriġ li għandu l-għan li jappoġġja nisa imprendituri aspiranti f'Malta u l-Awstrija, b'mod speċjali dawk minn gruppi żvantaġġati. It-taħriġ se jsir fiżikament f'Malta bejn il-15 u t-18 ta' Mejju, u se jkopri suġġetti ewlenin dwar in-negozju u l-intraprenditorija, flimkien ma' moduli online u opportunitajiet ta' networking. Hija qalet ukoll kif qed tfittex post fejn isir it-taħriġ u għajnuna biex jixxandar is-sejħa għall-parteċipanti, u qed tinkludi flyer u caption għat-tixrid fuq il-midja soċjali. Fuq qbil mill-Kunsill, avviċinajthom bl-interess ta' dan il-Kunsill. Huma jixtiequ li jużaw is-sala għal laqgħat li ser ikollhom f'Mejju u forsi ngħinu fil-koordinazzjoni sabiex imorru jieklu f'restaurants viċin tal-Għargħur.

**13/05/10** Id-DSE spjegat ukoll kif hi spjegat li l-Kunsill kien lest li jospita li jsiru dawn il-lezzjonijiet fis-sala tal-Kunsill pero jekk kien ser ikun hemm xi spejjeż oħra bħal kiri ta' sound u microphones, dawn riedu jiġi mressqa lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

**13/05/11** Id-DSE għamlet referenza għal Skema SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva – Lokalitajiet Aktar Nodfa, u spjegat kif din l-iskema kienet ser tagħlaq nhar it-Tlieta 22 t'April 2025. Hi spjegat kif kienet bagħtet kopja ta' l-applikazzjoni flimkien ma' kwotazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jkun jistà jixtri iżjed *doggy bins* peress li Clean ups qed isiru mod regolari matul is-sena mingħajr spejjeż addizzjonali.

**13/05/12** Id-DSE ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali ta' l-Iklin fejn kienu qed jitlobu l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-petizzjoni li xtaqu li tiġi mressqa quddiem l-UE. Id-DSE qrat it-talba mressqa kif ukoll il-petizzjoni li kienet provduta.

**13/05/13** Inżammet diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar dan fejn uħud mill-Kunsilliera għal bidu ma kienux favur li l-Kunsill ikun parti minn din il-petizzjoni. Is-Sa Gauci espremiet li hi kienet lesta li tagħti s-support tagħha favur din il-petizzjoni. Kien hemm qbil sabiex tinġieb aktar informazzjoni dwar x'tip ta' assistenza għandhom bżonn.

**13/05/14** Id-DSE infurmat kif il-ġurnata qabel din il-laqgħa kienet inżammet laqgħa ma l-Anzjanità Attiva fejn waqt din il-laqgħa infurmaw lill-Kunsill sabiex issir grada fejn it-taraġ bħala prekawzjoni u biex is-sala tkun miftuħa ġurnata sħiħa nhar ta' Tnejn u Ġimgħa bejn it-8am u it-3:15pm u jkun hemm korrdinazzjoni miċ-ċentru stess.

**13/05/15** Kien hemm qbil sabiex tinxtara l-grada kif ukoll sabiex is-sala tkun miftuħa, bħal ma dejjem kien qed jgħamel diġa.

**13/05/16** Id-DSE għamlet referenza għal Skema SPI/SCI/7/2024 – Espressjoni ta' Interess ta' Manutenzjoni minuri f'Binjiet Pubbliċi, fejn il-Kunsill kien applika għal din l-iskema. Nhar it-23 ta Marzu il-Kunsill kien ġie infurmat li l-applikazzjoni mressqa mill-Kunsill kienet eleġibbli.

**13/05/17** Is-Sa Gauci spjegat li din l-iskema ser ikunu qed joffru is-servizz tal-ħaddiema biss u kif l-materjal irid ikun mixtri u provdut mill-Kunsill. Hi spjegat ukoll kif il-ħaddiema li hemm marbutin ma' din l-iskema mhumiex kompetenti li jgħamlu dan ix-xogħol.

**13/05/18** Għal din ir-raġuni kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex il-kuntratt ta' din l-iskema ma tiġix iffirmata sakemm il-materjal mhux ser ikun imħallas ukoll.

**13/05/19** Id-DSE ressqet komunikazzjoni li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand *TOI TOI Singalong Community Project,* fejn avviċinaw lill-Kunsill Lokali sabiex isibu postijiet fejn dawn ikunu jistgħu jinżammu fil-lokalità għall-anzjani.

**13/05/20** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li dawn għandhom jinżamm fis-sala tal-Kapillan.

**13/05/21** Is-Sa Mariah xtaqet iżżid punt ieħor dwar *item* li hi kienet diġa għamlet referenza għalieh f'laqgħat preċedenti sabiex flimkien ma' l-Universita ta' Malta jistgħu jgħamlu kollaborazzjoni mal-Periti, maqsuma fi tliet fażijiet. Hi spjegat kif dawn huma lesti li jgħatu l-għajnuna fejn tidħol pjanar u eventwalment tkun tistà ssir laqgħa mar-residenti u konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta qabel umbad ikun jistà jiġi implimentat il-proġett li jkun ġie diskuss. Hi qalet kif jekk f'din il-laqgħa jkun hemm qbil, talbet sabiex id-DSE titlob laqgħa sabiex jibdew id-diskussjonijiet u preparamenti meħtieġa.

**13/05/22** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta.

**13/05/23** Id-DSE fakret fil-komunikazzjoni li kienet diġà bdiet mar-Reġjun Tramuntana dwar dan is-suġġet u saqsiet jekk għalissa din il-komunikazzjoni għandhiex tinżamm pendenti sakemm il-Kunsill jifhem aħjar jekk din is-sistema hux aħjar.

**13/05/24** Kien hemm qbil biex għalissa naraw ma' l-Università.

## 13.6 GLC/03/2024 – Sejħa għal Resurfacing ta' Triq Għaxqet L-Għajn inkluż l-installazzjoni ta' Dawl u Bankijiet bl-Użu ta' Materjali u Prattiċi favur l-Ambjent

**13/6/1** B'referenza għal din is-sejħa, id-DSE infurmat kif il-Perit tal-Kunsill kien ġie infurmat dwar l-iżball li kien hemm fil-figuri provduti mill-Perit stess fil-BOQ u kif b'hekk is-sejħa kellha tiġi mħasra. Hi spjegat ukoll kif l-ispiża ta' dan il-proġett ikkalkulata fuq l-ammont korrett kien ser ikun ferm ikbar mill-ammont allokat għal dan il-proġett mill-fondi allokati għal Project Development Fund. Hi spjegat ukoll kif hi kienet talbet sabiex tinżamm laqgħa mal-Perit sabiex jispjega aħjar għalfejn kien hemm din il-problema fil-figuri u x'jistà jsir.

**13/6/2** Is-Sa Mariah Meli staqsiet għalfejn l-ispiża kienet mibdula u għamlet referenza għal kuntratt tal-*planning* u kif il-firma fuq il-kuntratt dwar dan il-proġett kien għadu qatt ma sar. Hi qalet ukoll li aktarx kien qed ikunu hemm mizinformazzjoni lir-residenti dwar dan il-proġett li dan kien ser isir imma qatt ma kienet miktuba fil-minuti tal-laqgħat li saru.

**13/6/3** Is-Sa Gauci infurmat kif it-tort kien tal-Perit tal-Kunsill għax kien ħareġ qisien ħżiena. Hi qalet kif il-flus hemm kienu.

**13/6/4** Is-Sa Meli spjegat li l-informazzjoni provduta ma tidhirx li qatt ingħatat b'mod korett u l-Perit jgħati Estimate of Works.

**13/6/5** Kien hemm qbil sabiex tinżamm laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u nimxu minn hemm.

## 13.7 Vakanza – *Clerk* Skala 15, *Part Time*

**13/7/1** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera preżenti din is-sejħa kienet inħarġet esternament kif ukoll applikanti mill-Jobsplus mill-lista provduta kellhmom opportunita li japplikaw ukoll l-interess tagħhom. Hi spjegat li b'kollox kien hemm 4 applikazzjonijiet pero meta ivverifikat l-applikazzjonijiet, ikkonfermat li kien hemm persuna waħda eleġibbli għal din il-pożizzjoni. Għal din ir-raġuni, hi spjegat kif il-bord ta' l-għażla jrid jiltaqà sabiex tinżamm din l-intervista.

**13/7/2** Il-Kunsill qabel sabiex din l-intervista tinżamm nhar it-Tnejn 21 ta' April 2025, fis-6 ta' filgħaxija.

**13/7/3** Id-DSE infurmat li ser tkun qed tinforma lill-applikant dwar dan.

## 13/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**13/08/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**13/08/02** Id-DSE ġibdet l-attenzjoni kif f'din l-iskeda kien hemm miżjud l-ħlas dovut tal-ġbir taż-żibel li kien ilu pendenti. Spjegat ukoll kif kienet għadha kif daħlet l-allokazzjoni tal-Kunsill

**13/08/03** Kien hemm diskussjoni dwar il-pagamenti u s-Sa Mariah Meli ipproponiet sabiex jiġi approvat kollox minbarra dawk li hemm problema ta' *procurement*, numru 18 u 23.

**13/08/04** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

## 13/9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**13/9/01** Il-laqgħa spiċċat fis-20:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **Helen Gauci** | **Jeanette Galea** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |